MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 68/2005

**Joe Mifsud (ID. Nru: 220168M)**

**Vs**

**Pierre Portelli u David Casa**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu lill-attur dik is-somma li din il-Qorti, ai termini tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa, tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huma sofrew meta inti Pierre Portelli, bhala Editur ta' l-istazzjoni tar-radju Radio 101, u inti David Casa, bhala prezentatur, permezz tal-programm radjofoniku "Nghiduha kif inhi", imxandar fuq Radio 101 nhar il-Hamis, 5 ta' Frar, 2004, ghamiltu allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur bil-ghan li ttelfu jew tnaqqsu ir-reputazzjoni tieghu, meta allegajtu, fost ohrajn, li l-attur "kien imur jghannaq lil Meinrad Calleja meta kien jghaddi guri" u dan f'kuntest ta'

xandira li fiha gie allegat wkoll li l-Partit Laburista u l-Mexxej tieghu ghandhom interess li jagevolaw lil min jitraffika d-droga. Dawn l-allegazzjoni u l-implikazzjoni li ppruvati taghti huma ghal kollox inveritjeri u saru bil-ghan li jaghmlu hsara lill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Intom ingunti wkoll biex tidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 9 u fol 12 tal-atti) u li biha ecceppew bir-rispett:

1. Illi l-konvenut Casa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi ma xandar ebda allegazzjoni u mhux wiehed mill-persuni azzjonabbli taht l-Art. 23 tal-Kap. 248.
2. Illi wara li jigi ppruvat ezattament x'gie trasmess, ghandu jirrizulta illi din kienet telefonata ta' semmiegha u l-istazzjon bl-ebda mod ma ghamilha tieghu, b'dan illi l-animus injurjandi huwa nieqes.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi, mill-provi prodotti, irrisulta illi waqt programm radjofoniku intitolat "Nghiduha kif inhi" imxandar fuq l-istazzjoni "Radio 101" fil-5 ta' Frar, 2004, kien hemm diversi telefonati minn persuni ("phone-ins") u fl-ahhar tal-programm kienet saret wahda li rreferiet ghall-attur b'ismu. Din is-semmiegha li qalet li jisimha "Therese" u deskritta minnha nnfisiha bhala "ex-laburista" qalet, fuq it-telefon "u nixtieq nghid lil Joe Mifsud, il-gurnalista tas-"SuperOne", meta kien imur jghannaq lil Meinrad Calleja, meta kien qed jghaddi guri, kien imur jghannqu kif jarah fil-Qorti. Joe Mifsud dan il-gurnalista tas-"Super One". Immedjatament wara, il-presentatur tal-programm kien qal

biss “grazzi hafna tal-kummenti tieghek” segwit minn “Nirringrazzjak” da parti tas-semmiegha li ghamlet it-telefonata. Dan il-kliem fil-konfront tal-attur kien intqal fl-isfond ta’ proceduri kriminali kontra Meinrad Calleja in konnessjoni ma’ traffikar ta’ droga u t-tentattiv ta’ omicidju volontarju tal-assistent personali tal-Prim Ministru ta’ Malta u filfatt kien ghadu kemm spicca il-process kriminali quddiem il-Qorti Kriminali in rigward it-tieni kaz imsemmi.

Illi, dwar il-fatti in desamina gie prodott, Simon Manicolo (fol 31 u fol 32 ibid) u dan f’isem l-Awtorita tax-Xandir. Semma’ li kienu nhargu linji gwida in konnessjoni ma’ programmi bhal dak in esami li fihom ikun hemm numru ta’ semmiegha li jikkummentaw fuq it-telefon, oltre, li eccepixxa l-kondizzjonijiet li jinghataw lil stazzjonijiet radjofonici meta tinhareg il-licenzja. Fost dawn hemm wahda li stazzjoni li jitrasmetti programmi radjofonici b’“phone-ins” ghandu jistalla mekkanizmu maghruf bhala “delay mecchanism” uzat sabiex jkun hemm “... ‘delay’ ta’ tlett (3) sekondi” u b’hekk jistghu jigu evitati kummenti dispreggjattivi. Permezz ta’ dan, il-produttur tal-programm jkollu l-fakollta “...li jisma’ l-“phone-ins” u jekk irid, hu juza l-mekkanizmu tad-“delay sabiex ma johorgux kummenti...dispreggjattivi.” Ix-xhud specifika li skont il-“guide lines” esebiti a fol 33 ibid, fil-paragrafu tnejn (2), l-istallazzjoni u l-uzu ta’ dan il-mekkanizmu hu obbligatorju.

Illi l-attur pproduca zewg fizzjali gholja tal-Pulizija (fol 24 u fol 26 et seq ibid) u t-tnejn u dawn xehedu li l-attur, filfatt, kien xhud tal-Prosekuzzjoni. Inoltre hadd ma kien ra lill-attur jitkellem mal-akkuzat. Difatti, waqt proceduri quddiem gurati, akkuzat jinzamm f’kamra specjali u ghalhekk ma setax jsir xi forma ta’ kuntatt bejn l-attur u l-akkuzat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-konvenut, Pierre Portelli, dan ( a fol 38 et seq ibid) ikkonferma li kien hu, l-editur tal-istazzjon involut waqt li l-programm kien jigi kondott mill-konvenut l-iehor. Dwar il-kliem li ntqalu, hu qal “Jiena...ma nistax nifhem x’seta’ wegga’ lil Joe Mifsud, fis-sens li David Casa ma ghamel l-

ebda dikjarazzjoni min-naha tieghu u ma nistax nghid x'seta' jsir f'dan il-kaz meta jkun hemm semmiegh jaghmel dikjarazzjoni bhal dak". Hu kien jaf bis-sistema msejjha "delay system" u tintuza f'kaz ta' kliem hazin jew oggezzjonabbli jew "prima facie" libelluzi. Pero il-konvenuti jsostnu li l-konvenut l-iehor agixxa sew meta ma uzax din is-sistema f'dan il-kaz ghax is-semmiegha li waqt il-kliem in esami "...ma llibellatx lill-attur".

Illi, dwar <u>il-konvenut l-iehor</u> dan xehed permezz ta' "<u>affidavit</u>" a fol 47 et seq ibid, u hu spejga li ma kienx ghamel xi kumment dwar il-kliem li ntqal mill-istess semmiegha ghax dan ma kienx rilevanti u ma setax iwegga' jew ihammeg lill-attur. Skont hu, hi prassi normali li avukat jew individwu li jghannaq lil persuna akkuzata b'xi reat u ghalhekk deherlu "...li l-kumment stajt inhallih ghaddej". Inoltre l-attur kien irrifjuta li ssir dikjarazzjoni skont il-ligi "in materia" mill-istazzjoni involut. <u>In-kontroezami</u> (fol 55 et seq ibid) hu qal li kien hemm, waqt il-programm, diskussjoni u dibattitu dwar jekk il-Partit Laburista kienx qed jipprotegi lill-persuna akkuzata msemmija specjalment billi jigi skreditat ix-xhud principali. Dwar id-"delay system" fil-programm immexxi minnu, hu personalment ma kienx qed juzah izda dan kien thalla f'idejn l-inginier u hu bhala presentatur, kien jaghmel sinjal lil dan f'kaz li hemm bzonn li jigi attivat. Izda dan is-sinjal fil-kaz tal-istess semmiegha ma kienx ghamlu. Dwar l-istess kliem, hu hass li ma kellux jiddisocja ruhu minn dak li ntqal ghax "...ma deherlix li kien kumment gravi" izda "wara irrealizzajt...(li) stajt weggajt..." lill-attur.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-ewwel (1) punt li ghandu jigi deciz hu dak dwar jekk il-kliem li ntqalu mis-semmgha humiex libelluzi jew le. F'dan ir-rigward tenut kont tal-isfond meta intqal dan il-kliem, ossija l-proceduri kriminali pjuttost kontraversjali kontra persuna in konnessjoni ma' traffikar ta' droga u tentattiv ta' omicidju kif hawn fuq spjegat kif ukoll ta' kif l-istess kliem jigi interpretat minn "the ordinary man in the street", il-Qorti ma tistax ma tikkunsiderahomx bhala <u>libelluzi u malfamanti</u> fil-konfront tal-attur permezz ta'

"innuendo" sottintiz fl-istess kliem. Dan li ghadu kemm intqal ghandu jigi kunsidrat, ukoll, fl-isfond ta' dak li xehedu z-zewg fizzjali tal-Pulizija li xehdu f'dan il-kaz mil-liema xhieda, jirrisulta, b'mod car li l-klliem li ntqal hu totalment falz u nveritjier.

**Ikkunsidrat**

Illi kif jidher mill-provi kif esposti, l-attur jikkontendi li l-kliem in kwistjoni seta' ma giex trasmess permezz tas-sistema li ghaliha saret riferenza l-hekk ismejjha "delay system" intiza sabiex kliem libelluz ma jigiex trasmess waqt programm radjofoniku. F'dan il-kaz il-presentatur, il-konvenut David Casa hass li fil-fehma tieghu din is-sistema ma kellhiex tintuza ghax kien kliem mhux libelluz.

Illi, f'dan ir-rigward, l-attur esebixxa, in atti, u rrefera ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2005 fl-ismijiet "Onorevoli John Dalli vs Gino Cauchi". F'dan inghad illi kull stazzjoni radjofoniku kien obbligat li jkollu l-apparat relattvi intiz sabiex kliem offensiv jinzamm milli jixxandar. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, konvenut ma setax jressaq b'success, l-eccezzjoni, n-nuqqas ta' hsieb li jingurja bi kliem li ma kellux kontroll fuqu. Filfatt, fi kliem l-istess sentenza citata "...kieku ried il-konvenut kellu mezz idonew biex jikkontrolla dak li jigi mxandar....in diretta".

**Ikkunsidrat**

Illi, dan premess, il-konvenuti eccepew illi hu nieqes f'dan il-kaz l-"animo injurjandi" cjoe l-element intenzjonali f'kaz ta' libell li ghandu jirrisulta fis-sens illi z-zewg konvenuti riedu li l-attur jigi malafamat u titnaqqas ir-reputazzoni tieghu f'ghajnejn il-pubbliku in generali. F'dan ir-rigward ssir referenza ghall-artikolu 23(d) abbinat mal-artikolu 25(1) u (2) tal-Kapitolu 248 imsemmi. Fl-ahhar artikolu jinghad li persuni bhall-konvenuti odjerni ghandhom jitqiesu li agixxew xjentement sakemm ma jigiex pruvat il-kuntrarju.

Pero, l-artikolu 25(2) jghid ukoll li ghandhom jitqiesu li agixxew xjentement jekk kienu jafu x'kien fiha l-

pubblikazzjoni xi zmien qabel, ma zammew l-istess pubblikazzjoni.

Illi, fil-kaz in desamina, irrisulta li l-konvenuti, waqt it-trasmissjoni kellhom il-mezz sabiex jigi evitat li l-kliem malafamanti jigu trasmessi. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-“quantum” ta’ danni morali, li ghandhom jigu likwidati l-Qorti ser tikkundannahom, tenut tac-cirkostanzi, tal-kaz fis-somma ta’ hames mitt ewro (€500) fil-konfront ta’ kull konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti waqt li tichad l-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenuti tilqa’ t-talbiet attrici kid dedotti mill-avviz in esami u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attur is-somma ta’ hames mitt ewro (€500) kull wiehed bl-imghax legali mid-data tallum sa dak tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------